MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1239/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Floria Aslan (ID 60274M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-19 ta Lulju 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija tnejn u tmenin Ewro u dsatax il- centezmi (€682.19) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra ukoll nota ipprezentat mis-socjeta attrici fejn cediet il-kawza ghal kwantu tas-sorte imma li zammet ferm rigward l-ispejjes.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez kollha tal-kawza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------